**MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD**
**UNIVERSITY OF MALTA, MSIDA**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**MATRICULATION EXAMINATION / L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**

**INTERMEDIATE LEVEL / IL-LIVELL INTERMEDJU**

**SEPTEMBER 2015 / SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUBJECT / SUĠĠETT:** | SYSTEMS OF KNOWLEDGE / L-OQSMA TAL-GĦERF |
| **DATE / DATA:** | 31st August 2015 / il-31 ta' Awwissu 2015 |
| **TIME / ĦIN:** | 9.00 a.m. to 12.00 noon / mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar |

**Answer 4 questions, one from each section.**
You may answer in either English or Maltese.
This paper carries 60% of the global mark.
Each question carries 25 marks.
Each question should be discussed with arguments clearly made.
Make sure you discuss each question fully.
Answers that are out of point (not relevant to the question) will not be considered.

You are kindly asked to write **EACH ANSWER** on a **DIFFERENT BOOKLET**. Indicate the **SECTION** and **QUESTION NUMBER** clearly on **EACH BOOKLET**.

***Wieġeb 4 mistoqsijiet, waħda minn kull taqsima.***
*Tista' twieġeb bl-Ingliż jew bil-Malti.*
*Il-marki ta' din il-karta jammontaw għal 60% tal-marka globali.*
*Kull mistoqsija fiha 25 marka.*
*Kull mistoqsija trid tiġi diskussa b'argumenti ċari.*
*Kun żgur li twieġeb kull mistoqsija b'mod sħiħ.*
*Tweġibiet li jkunu barra mis-suġġett (ma jkunux relevanti għall-mistoqsija) ma jiġux ikkonsidrati.*

*Jekk jogħġbok ikteb **KULL TWEĠIBA** fuq **SKRIPT DIFFERENTI**. Uri **t-TAQSIMA** u **n-NUMRU TAL-MISTOQSIJA** b'mod ċar fuq **KULL SKRIPT**.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

## Section A/*Taqsima A*

Please **write your answer on a different booklet.**
*Jekk jogħġbok* ***ikteb it-tweġiba tiegħek fuq skript differenti.***

1. Identify **four** of the most important characteristics which define 'a Democracy'. Outline the development of these characteristics through history. Refer to **two** historical periods where each characteristic developed further.

   *Identifika* ***erbgħa*** *mill-karatteristiċi l-aktar importanti li jiddefinixxu 'Demokrazija'. Agħti fil-qosor l-iżvilupp ta' dawn il-karatteristiċi matul il-ġrajja storika. Irreferi għal* ***żewġ*** *perjodi storiċi meta kull karatteristika kompliet tiżviluppa aktar.*

**Or/*Jew***

2. "The Universal Declaration of Human Rights, which was adopted by the UN General Assembly on 10 December 1948, was the result of the experience of the Second World War. With the end of that war, and the creation of the United Nations, the international community vowed never again to allow atrocities like those of that conflict happen again." (www.un.org)
   In what ways do the rights of all humans fulfill the international community's vow never to allow atrocities like those of that conflict to happen again? Mention **four** rights that help guarantee the fulfillment of this vow. To what extent would you agree that military action is justified, through the UN, if these rights are violated by a member state or by an organised group?

   *"Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kienet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948, kienet ir-riżultat tal-esperjenza tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ma' tmiem dik il-gwerra, u l-ħolqien tan-Nazzjonijiet Uniti, il-komunità internazzjonali wegħdet li qatt aktar ma tħalli li jerġgħu jsiru atroċitajiet bħal dawk li saru f'dak il-konflitt." (www.un.org)*
   *B'liema modi d-drittijiet tal-bnedmin kollha jwettqu l-wegħda tal-komunità internazzjonali li qatt aktar ma tħalli jerġgħu jsiru atroċitajiet bħal dawk li saru f'dak il-konflitt? Semmi* ***erba'*** *drittijiet li jgħinu biex jiggarantixxu t-twettiq ta' din il-wegħda. Sa fejn tasal biex taqbel li azzjoni militari hija ġġustifikata, permezz tan-Nazzjonijiet Uniti, jekk dawn id-drittijiet jinkisru minn xi stat membru jew minn xi grupp organizzat?*

## Section B/*Taqsima B*

Please **write your answer on a different booklet.**
*Jekk jogħġbok* ***ikteb it-tweġiba tiegħek fuq skript differenti.***

1. "Many works of art display an artist's technical skills in the use of specific media as well as his/her keen observation of the human condition."
   *Discuss this statement by describing, analysing and comparing two works of art, one of which should have been produced prior to the twentieth century while the other should be a twentieth-century work.*

   *"Bosta xogħlijiet tal-arti juru l-ħiliet tekniċi tal-artist/a fl-użu ta'* media *speċifiċi kif ukoll l-osservazzjoni qawwija tiegħu/tagħha tal-kondizzjoni umana."*
   *Iddiskuti din l-istqarrija billi tiddeskrivi, tanalizza u tikkompara żewġ xogħlijiet tal-arti, wieħed minnhom irid ikun intgħamel qabel is-seklu għoxrin filwaqt li l-ieħor irid ikun xogħol tas-seklu għoxrin.*

**Or/*Jew***

2. In Article 1 of UNESCO's *Universal Declaration on Cultural Diversity* (2001), we find the following statement: "Culture takes diverse forms across time and space. This diversity is embodied in the uniqueness and plurality of the identities of the groups and societies making up humankind. As a source of exchange, innovation and creativity, cultural diversity is as necessary for humankind as biodiversity is for nature. In this sense, it is the common heritage of humanity and should be recognised and affirmed for the benefit of present and future generations." Why do you think it might benefit present and future generations to be aware of and appreciate the vast diversity of the arts, value systems and lifestyles that exist around the world? Give examples that illustrate this diversity in the arts.

   *F'Artiklu 1 tad-*Dikjarazzjoni Universali fuq id-Diversità Kulturali *(2001) tal-UNESCO, insibu din l-istqarrija: "Il-kultura tieħu diversi forom matul iż-żmien u f'postijiet differenti. Din id-diversità hija inkorporata fl-uniċità u l-pluralità tal-identitajiet tal-gruppi u s-soċjetajiet li jsawru lill-bnedmin kollha. Bħala sors ta' tpartit, innovazzjoni u kreattività, id-diversità kulturali hija neċessarja għall-bnedmin kollha daqskemm il-bijodiversità hija neċessarja għan-natura. F'dan is-sens, hija l-wirt komuni tal-umanità u trid tkun rikonoxxuta u kkonfermata għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri." Għaliex taħseb li tista' tkun ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li jkunu konxji ta' u japprezzaw id-diversità vasta tas-suġġetti tal-arti, is-sistemi tal-valuri u l-istili tal-ħajja li jeżistu madwar id-dinja? Agħti eżempji li juru din id-diversità fis-suġġetti tal-arti.*

## Section C/*Taqsima Ċ*

Please **write your answer on a different booklet.**
*Jekk jogħġbok* ***ikteb it-tweġiba tiegħek fuq skript differenti.***

1. "Deductive reasoning is a basic form of valid reasoning. Deductive reasoning . . . starts out with a general statement, or hypothesis, and examines the possibilities to reach a specific, logical conclusion. The scientific method uses deduction to test hypotheses and theories. In deductive reasoning, if something is true of a class of things in general, it is also true for all members of that class. . . . Inductive reasoning is the opposite of deductive reasoning. Inductive reasoning makes broad generalizations from specific observations. Even if all of the premises are true in a statement, inductive reasoning allows for the conclusion to be false. . . ."

   *Deductive Reasoning vs. Inductive Reasoning* by Live Science Staff, July 10, 2012
   http://www.livescience.com/21569-deduction-vs-induction.html

   Discuss the above statement in terms of deductive and inductive reasoning in science.

   *"Ir-raġunar deduttiv huwa forma bażika ta' raġunar validu. Ir-raġunar deduttiv . . . jibda bi stqarrija ġenerali, jew ipotesi, u jeżamina l-possibilitajiet biex jasal għal-konklużjoni loġika u speċifika. Il-metodu xjentifiku jinqeda bid-deduzzjoni biex jittestja l-ipotesijiet u t-teoriji. Fir-raġunar deduttiv, jekk xi ħaġa tkun vera fi klassi ta' oġġetti ġenerali, tkun ukoll vera għall-membri kollha ta' dik il-klassi . . . Ir-raġunar induttiv huwa l-oppost tar-raġunar deduttiv. Ir-raġunar induttiv jislet ġeneralizzazzjonijiet wiesgħa minn osservazzjonijiet speċifiċi. Ukoll jekk il-premessi kollha jkunu veri fi stqarrija, ir-raġunar induttiv jippermetti li jkun hemm konklużjoni falza. . . . "*

   *Deductive Reasoning vs. Inductive Reasoning minn Live Science Staff, 10 ta' Lulju, 2012*
   *http://www.livescience.com/21569-deduction-vs-induction.html*

   *Iddiskuti dan li ntqal hawn fuq f'termini tar-raġunar deduttiv u induttiv fix-xjenza.*

**Or/*Jew***

2. "One common view is that scientists and engineers are morally responsible for the negative consequences which result from the various applications of their knowledge and inventions. . . . Furthermore, scientists and engineers have a collective responsibility for the choice and conduct of their work. . . . Many professional societies and national organisations . . . have ethical guidelines. Clearly, there is recognition that scientists and engineers, both individually and collectively, have a special and much greater responsibility than average citizens with respect to the generation and use of scientific knowledge."

   http://en.wikipedia.org/wiki/Social_responsibility

   Discuss.

   *"Opinjoni komuni waħda hija li x-xjentisti u l-inġinieri huma moralment responsabbli għall-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-applikazzjonijiet varji tal-għerf u l-invenzjonijiet tagħhom. . . . Barra minn hekk, ix-xjentisti u l-inġinieri għandhom responsabilità kollettiva fl-għażla ta' xogħolhom u kif jagħmluh. . . . Bosta soċjetajiet professjonali u organizzazzjonijiet nazzjonali . . . għandhom linji gwida etiċi. Bla dubju, hemm rikonoxximent li x-xjentisti u l-inġinieri, kemm individwalment u kemm kollettivament, għandhom responsabilità speċjali u ħafna akbar miċ-ċittadini avriġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġenerazzjoni u l-użu tal-għerf xjentifiku."*

   *http://en.wikipedia.org/wiki/Social_responsibility*

   *Iddiskuti.*

## Section D/*Taqsima D*

| Please **write your answer on a different booklet.**<br>*Jekk jogħġbok* ***ikteb it-tweġiba tiegħek fuq skript differenti.*** |
|---|

1. The controversy regarding the use of land to expand built up areas has been with us for some time. The building industry provides a decent livelihood for a considerable number of workers and businessmen. However it encroaches on the areas that have not been touched by the building industry and the access to direct sunlight due to the increase in height of buildings.
   Discuss.

   *Il-kontroversja dwar l-użu tal-art biex jespandu l-erjas tal-bini ilha ftit magħna. L-industrija tal-bini tipprovdi għajxien deċenti għal għadd konsiderevoli ta' ħaddiema u negozjanti. Imma tidħol fuq dawk l-erjas li ma jkunux intmessu mill-industrija tal-bini u l-aċċess għad-dawl dirett tax-xemx minħabba li jiżdied l-għoli tal-bini.*
   *Iddiskuti.*

**Or/*Jew***

2. According to recent Eurobarometer data (26th April and 11th May), 85% of Europeans believe they have a role to play in protecting the environment. Most are adopting environmentally-friendly actions and behaviour.
   Discuss how you would, personally, contribute to this development.

   *Skont id-dejta reċenti tal-Ewrobarometru (26 ta' April u 11 ta' Mejju), 85% tal-Ewropej jemmnu li għandhom sehem x'jagħtu fil-ħarsien tal-ambjent. Bosta qegħdin jadottaw għemejjel u mġiba favur il-ħarsien tal-ambjent.*
   *Iddiskuti kif int, personalment, tista' tikkontribwixxi għal dan l-iżvilupp.*